MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1193/2008

**Maria Caruana**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hija twieldet nhar it-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (1986), kif jirriżulta mill-anness estratt mir-reġistrazzjoni numru tlett elef tmien mija u sebgħa [*recte*: sbatax] tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (3817/1986) miżmuma fir-Reġistru ta' l-Istat Ċivili dwar Atti tat-Twelid (Dok. A).

2. Illi skond l-imsemmi estratt mill-Atti tat-Twelid, isem ir-rikorrenti huwa dak ta' "Maria".

3. Illi, madankollu, iċ-Ċertifikat tal-Magħmudija maħruġ mill-Parroċċa ta' San Gwann juri li r-rikorrenti għandha l-isem ta' "Shirley" (Dok. B).

4. Illi kif jista' jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, fil-ħajja ta' kuljum ir-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta' "Maria Shirley".

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi illi qiegħda hawn umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi jogħġobha tordna:

1. Tiddikjara illi r-reġistrazzjoni numru tlett elef tmien mija u sebgħa [*recte*: sbatax] tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (3817/1986), miżmuma fir-Reġistru ta' l-Istat Ċivili dwar Atti tat-Twelid, m'hijiex korretta, *stante* illi l-isem ta' l-attriċi, muri fil-kolonni bl-isem "ismijiet mogħtija" u "isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ" fl-imsemmija reġistrazzjoni, bħala dak ta' "Maria" huwa fil-fatt dak ta' "Maria Shirley".

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tar-reġistrazzjoni numru tlett elef tmien mija u sebgħa [*recte*: sbatax] tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (3817/1986), miżmuma fir-Reġistru ta' l-Istat Ċivili dwar Atti tat-Twelid, u dana billi tordna illi, fil-kolonni bl-isem "ismijiet mogħtija" u "isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ" fl-imsemmija reġistrazzjoni, u ċioe' dik intitolata "isem il-wild" l-isem "Maria" jiġi sostitwit b'dak ta' "Maria Shirley".

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2009, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' jirrileva li jirriżulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 3817 tas-sena 1986 li d-dikjarant kien missier ir-rikorrenti Paul Caruana.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u ffirma għaliha hija korretta.

3. Illi jeħtieġ li ssir korrezzjoni fit-talbiet dedotti r-rikors ġuramentat fis-sens li l-ewwelnett il-korrezzjoni għandha ssir fil-kolonni ta' l-Att tat-Twelid oriġinali u sussegwentement tali korrezzjoni tiġi riflessa fl-estratt awtomatikament.

4. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti oħra ta' l-Istat Ċivili li jeħtieġu li jiġu korretti, jekk dan hu l-każ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tat-23 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* ta’ l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet ta’ l-atti ta’ l-istat Ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta’ l-artiklu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m’għadux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attriċi kif korretta; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------